StudentBounty.com

Tereża — Kulleġġ Santa Tereża
PULCHRA — PARVA PARVORUM

**Skejjel Primarji**
**Eżami ta' Nofs is-Sena 2011**

**Ir-Raba' Sena** | **Il-Malti (Fehim is-Smigħ)** | **Il-Ħin: 20minuta**

**Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

| | |
|---|---|
| **Riżorsi: 1.** | Test li jinqara |
| **2.** | Karta tal-mistoqsijiet |
| **3.** | Riga u lapes |

**INTRODUZZJONI:** Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• se tinqralhom l-istorja ***"Ir-Riħa tal-Imqaret"***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |



www.StudentBounty.com

# Ir-Riħa tal-Imqaret

Kienet waslet il-festa tar-raħal. Fit-toroq kien hemm bosta bejjiegħa armati sa ruħ ommhom: birra u luminata, ġelati u pastizzi, *hot-dogs* u qubbajt. Iżda l-iktar ħaġa li laqtet lil Mastru Gerfex kienet ir-riħa tal-imqaret tat-tamar.

Il-bejjiegħ tal-imqaret kien raġel ta' xi tletin sena jismu Tommy. "Ejjew għall-imqaret," kien qiegħed jgħajjat ta' sikwit biex iktar iħajjar in-nies. "Bit-tamar dawn, bit-tamar. Tiekol biss bir-riħa."

Din l-għajta għoġbitu l-Mastru Gerfex u ġieħ f'rasu li jagħmel ċajta żgħira. Inxteħet bilqiegħda fuq ix-xifer tal-bankina ħdejn il-galdarun tal-imqaret u beda jxammem l-arja, imeċlaq u jomgħod fil-vojt. "Hekk qed nagħmel jien. Niekol bir-riħa. Kemm huma tajbin!" Tommy dehrlu li x-xwejjaħ kien xurban u seta' jixroblu ftit ċenteżmi kiesaħ u biered.

"Eh, mela la kilt bir-riħa tal-imqaret tiegħi ser ikollok tħallasni," qallu Tommy b'ton serju. Għall-ewwel Mastru Gerfex ħaseb li Tommy kien qed ikompli ċ-ċajta. Iżda mbagħad fehem li kien irid il-flus bis-serjetà kollha.

"Tajjeb, għidli x'għandi nagħtik," qatagħha fil-qasir Mastru Gerfex. "Għoxrin ċenteżmu," qallu dak l-imbroljun, "għax ħadtli biċċa sew mir-riħa." Mastru Gerfex ħallsu. "Issa agħtini b'nofs lira mqaret ħalli neħodhom miegħi d-dar," qallu kalm kalm Mastru Gerfex. "Hawn ħa. Newwilli n-nofs lira," qallu Tommy waqt li tah il-borża.

Mastru Gerfex ħareġ biċċa tal-ħamsin ċenteżmu mill-but u beda jċekċikha. "Smajtha ċċekċek Tommy?"

"Smajtha ngħid,“ wieġbu Tommy. "Mela jien trux?"

"Mela la smajtha tħallast! Tajjeb iżżomm f'rasek li min jiekol bir-riħa jista' jħallas biċ-ċekċik!"

Adattata mill-ktieb '**Il-Praspar ta' Mastru Gerfex**' ta' Carmel G. Cauchi



www.StudentBounty.com

**Ir-Riħa tal-Imqaret**

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Liema festa kienu qed jiċċelebraw? | | il-festa tar-raħal |
| | | | il-Milied |
| | | | l-Għid |
| | | | l-Indipendenza |
| | | | |
| 2. | Liema riħa laqtitu l-iktar lil Mastru Gerfex ? | | dik tal-qubbajt |
| | | | dik tal-pastizzi |
| | | | dik tal-*hot dogs* |
| | | | dik tal-imqaret |
| | | | |
| 3. | Kemm kellu żmien il-bejjiegħ tal-imqaret? | | madwar għoxrin sena |
| | | | għoxrin sena |
| | | | madwar tletin sena |
| | | | tletin sena |
| | | | |
| 4. | X'kien jismu dan il-bejjiegħ? | | Johnny |
| | | | Robby |
| | | | Tommy |
| | | | Bobby |
| | | | |
| 5. | Ta' xiex kienu l-imqaret? | | tal-għasel |
| | | | tat-tamar |
| | | | tal-ġamm |
| | | | taċ-ċikkulata |
| | | | |
| 6. | Skont l-għajta ta' Tommy biex stajt tiekol? | | b'ħalqek |
| | | | b'imnieħrek |
| | | | biċ-ċekċik |



www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | bir-riħa |
| | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7. | Tommy ħaseb li Mastru Gerfex kien __________ | | fis-sakra |
| | | | miġnun |
| | | | marid |
| | | | gustuż |
| | | | |
| 8. | Kemm talbu flus Tommy lil Mastru Gerfex? | | tletin ċenteżmu |
| | | | nofs lira |
| | | | għoxrin ċenteżmu |
| | | | ċenteżmu |
| | | | |
| 9. | X'ried jieħu miegħu d-dar Mastru Gerfex? | | b'nofs lira imqaret |
| | | | b'lira imqaret |
| | | | b' ħames liri mqaret |
| | | | b' erba' liri mqaret |
| | | | |
| 10. | Kif ħallsu Mastru Gerfex lil Tommy? | | bil-flus |
| | | | bir-riħa |
| | | | biċ-ċekċik |
| | | | b'ċekk |
| | | | |
| 11. | Il-kelma imbroljun tfisser? | | kwiet |
| | | | qarrieq |
| | | | stramb |
| | | | ġgant |
| | | | |
| 12. * | "Sa ruħ ommhom" tfisser | | ftit |
| | | | ħafna |
| | | | b'xejn |



www.StudentBounty.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | bl-erwieħ |
| | | | |
| 13. * | “Kiesaħ u biered” tfisser | | f’daqqa |
| | | | bil-mod |
| | | | fil-bard |
| | | | bla paċenzja |



www.StudentBounty.com